# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tad-69 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| punwnrHenry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**69.01 Talba**

69.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**69.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

69.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**69.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numru 67 u 68**

69.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 67 ġew approvati unanimament, filwaqt li s-SE infurmat li dawk tal-laqgħa b'urġenza numru 68, kienet ser tibgħathom lill-membri tal-Kunsill iktar tard. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Viċi Sindku issekonda.

**69.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

69.04.01 Is-Sindku infurmat li Ambjent Malta ħawwlu s-siġar kollha li kienu neqsin fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn tħawwel ir-Rosemary, għar-raġuni li minħabba s-servizzi li hemm għaddejjin ma setax jitħawwel kwalunkwe tip ta' siġar. Saret enfasi li l-imsemmi Rosemary, għalkemm mhux velenuż, mhux tajjeb għall-ikel. Iż-żamma tagħhom se ssir minn Ambjent Malta stess. Viċin is-*substation* fadal biċċa fejn se jaraw x'tip ta' pjanti se jħawwlu fiha, fejn dawn se jitħawwlu bi prova, għar-raġuni li fl-istess post ikun hemm armat in-nar tal-art tal-festi. Bħalissa qed nistennew informazzjoni mingħand l-entitatjiet kollha li jista' jkun li għandhom xi servizzi għaddejjin mir-*roundabout* tal-Mentna, sabiex b'hekk Ambjent Malta tkun tista' taħdem fuq id-diżinn tagħha. Ambjent Malta se tieħu ħsieb ukoll il-parti biswit il-Katakombi fejn illum hemm xi kaktus u fjuri differenti, kif ukoll parti żgħira viċin l-istatwa ta' Santa Marija fejn m'hemm xejn miżruh fiha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

69.04.02 Rigward il-proġett tal-*Heritage Trail* is-Sindku infurmat li l-istone pillars twaħħlu kważi kollha, kemm iż-żgħar kif ukoll il-kbar. Il-proof reading tal-materjal tal-*historian*, li se jkun abbinat ma' QR Code fuq il-pillars iż-żgħar, dalwaqt ikun lest. Filwaqt li s-SE se tiċċekkja mas-supplier li intgħażel biex jipprovdi l-perspex ta' fuq l-isemmija pillars, jekk jistax jgħin fl-artwork ta' fuq il-perspex il-kbar li jinkludi mappa li turi l-postijiet storiċi fejn ġew installati l-pillars iż-żgħar. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

69.04.03 Is-Sindku infurmat li waqt laqgħa li kellha mas-Sur Neil Muscat, wieħed mill-Managers tar-Reġjun Punent, huwa taha l-parir sabiex il-bicycle racks jinxtraw bil-waħdiet u mhux *rack* ta' xi 6, għar-raġuni li meta jkunu waħdiet ikunu iktar effettivi u ma jagħmlux ħsara lir-roti. Is-SE se tiċċekkja kif il-Kunsill jista' jkun mgħejun mill-*MFE* permezz ta' fondi għal dawn ir-*racks*. Is-Sindku kompliet billi enfasizzat dwar il-postijiet fejn dawn ser jiġu installati, għaliex anke rigward l-aħħar *dog bins* li nxtraw mill-Kunsill, kien hemm diffikultà fejn ser jeħlu minħabba l-ispazju u l-aċċessibilità. Infatti fuq dawn tal-aħħar, kien hemm qbil unanimu li ma jeħel xejn fil-pjazza.

69.04.04 Is-Sindku qalet li mir-Reġjun Punent, ġiet infurmata li r-rata tat-*tipping fees* tal-*mixed waste* se tiġi bis-EUR60 u dan ifisser li l-kontijiet ser ikunu relattivament għoljin jekk mhux se jkun qed isir biżżejjed riċiklaġġ mir-residenti, u anke mill-iskart li se jkun iġġenerat fi żmien il-festi. Importanti li nħeġġu iktar biex jiġi sseparat iktar l-iskart sabiex ikollna inqas *mixed waste.* Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

69.04.05 Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa li kellha mal-Kummissarju, fejn infurmat li tkellmet miegħu fost l-oħrjan dwar il-*Community Policing* speċjalment biex dawn ikunu iktar attrezzati biex ikunu jistgħu jaħdmu aħjar; dwar il-possibiltà li l-Imqabba terġa' tibda tinqeda mill-Għassa taż-Żurrieq u mhux minn dik taż-Żejtun kif qegħdin fil-preżent; kif ukoll biex isir iktar infurzar fi Triq il-Qrendi fejn numru ta' *coaches* kienu qed jipparkjaw matul il-lejl. Semmiet li tkellmet ukoll dwar il-problema ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti bil-karozzi pparkjati li jkunu għat-tiswija u li saħansitra jiġu msewwija fit-triq, fejn il-Kummissarju infurmaha li se jsir iktar infurzar f'din iż-żona. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

69.04.06 Is-Sindku tkellmet dwar il-periklu li hemm b'uħud mill-pjanti li għandhom xi residenti quddiem il-bieb tad-dar tagħhom, għax fihom il-weraq bl-ingiegeż. Is-SE ikkonfermat mas-Sindku li tqassmet korrispondenza bieb bieb lir-residenti ta' din il-parti ta' Sqaq l-Isptar sabiex min għandu minn dawn il-pjanti, jeliminahom għas-sigurtà ta' dawk kollha li jgħaddu bil-mixi mill-isqaq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan filwaqt li qablu li jekk l-imsemmija pjanti ma jitneħħewx mir-residenti, ineħħihom il-Kunsill.

69.04.07 Is-Sindku infurmat li fuq qbil li kien hemm fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, ġie mwaqqaf il-kuntratt taż-żamma u tindif tal-ġonna pubbliċi peress li ma kienx qed jiġi onorat l-istess kuntratt mill-kuntrattur. Hija infurmat ukoll li l-kuntrattur qed

jirribattiha permezz ta' messaġġi ta' tgħajjir u kliem dispreġjattiv anke fuq il-midja soċjali, kif ukoll li se jipproċedi l-każ bil-qorti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

69.04.08 Is-Sindku semmiet il-bankina ta' quddiem il-Każin tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, biex tiċċara pubblikament li l-Kunsill Lokali m'għandu xejn x'jaqsam max-xogħol li qed isir fuqha. Ix-xogħol qed isir mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi wara li l-imsemmija Soċjetà kienet applikat għal dan ix-xogħol mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA), fejn l-istess PA approvat it-tali applikazzjoni u tat il-permess biex isir ix-xogħol mitlub. Is-Sindku riedet tiċċara dan kollu, speċjalment wara li ttieħed xi ritratt tagħha flimkien mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, waqt li kienu fil-Pjazza tal-Knisja, jiddiskutu kif u meta ser tingħalaq il-Pjazza biex isiru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq il-ħsara li kien hemm, fejn it-tali ritratt wasal għand is-Soċjetà Santa Marija li assumiet li l-Kunsill kellu x'jaqsam max-xogħol fuq il-bankina, li għalih huma kienu ressqu l-oġġezzjoni tagħhom qabel inħareġ il-permess. Fuq din kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali fl-ebda ħin ma kellu x'jaqsam mal-imsemmija bankina.

69.04.09 Is-Sindku tkellmet dwar l-eżodu tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia:

- Ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-Pjazza tal-Knisja mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi se jinqasam fuq żewġ fażijiet, fejn fl-aħħar fażi se tkun qed issir il-parti ta' quddiem il-Bar 'Remissa'
- Il-water culverts ta' Triq Santa Katerina
- Il-bankini ta' Triq tas-Sejba, fejn ser tiġi ż-zebra crossing viċin il-*bus stop*, u fejn se ssir estensjoni tal-bankina k.m. Triq il-ParroċċaBankini Sejba
- Il-bankina fi Triq il-Friefet k.m Triq il-Katakombi
- Il-Mini Roundabout ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti
- Il-magħqad tal-ilma fi Triq Mons Alfons Caruana
- L-*overflow* tal-ġibjun il-ġdid.

69.04.10 Is-Sindku tkellmet dwar żewġ *Communal Reserved Bays for Blue Bage Holders* li kien hemm qabel ma Infrastruttura Malta (IM) bdiet twettaq ix-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' Triq il-Katakombi u Triq in-Nazzarenu; u li issa li tlesta x-xogħol minn IM, dawn il-*bays* ma reġgħux tpenġew. Wara diskussjoni dwar dawn, kien hemm qbil unanimu li fil-każ ta' dik fi Triq il-Katakombi, jekk hemm xi dokumentazzjoni dwarha din se tingħata lis-Sindku sabiex turiha lill-Perit ta' IM biex b'hekk tkun tista' terġa' timplimentaha, filwaqt li rigward dik ta' Triq in-Nazzarenu se ssir applikazzjoni mill-Kunsill f'isem ir-resident li għandu bżonnha ladarba m'hemmx dokumentazzjoni dwarha. Is-Sindku semmiet ukoll, li qed tistenna minn IM sabiex minn Triq il-Katakombi, titneħħa l-*un/loading bay* li llum m'għadx hemm il-bżonn tagħha peress li l-ħanut li kien jużaha m'għadux jopera. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan kollu.

69.04.11 Is-Sindku infurmat li għall-*World Book Day* ta' din is-sena, se ningħataw Eur 500 mir-Reġjun Punent, u fuq qbil anke mal-istess Reġjun, l-attività ser tittella' nhar l-

20 ta' April 2024, fejn se tkun organizzata fuq l-istess pjan tas-sena l-oħra, ġewwa Ġnien Tfal ir-Raħal. Il-Kunsillier Sciberras se jkun qed jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attività.

69.04.12 Is-Sindku tkellmet dwar konferenza stampa li kellha dwar 'Premju Mara 2023/2024', inizjattiva ta' Dr Lydia Abela, li ser tittella' għall-ewwel darba fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara b'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali. Fil-każ tal-Imqabba, il-Kunsill irċieva 4 nomini, li minn fosthom l-istess Kunsill għażel b'mod unanimu, lis-Sinjura Emma Mifsud, magħrufa iktar bħala Lily.

69.04.13 Is-Sindku tkellmet dwar il-problema li hemm rigward il-funtana tal-Ġnien tal-Mentna, peress li kull x'ħin jiċċirkola l-ilma bil-*chlorine* ser jispiċċa jitħallat mal-ilma tal-ġibja li minnha tissaqqa wkoll il-bypass. Semmiet ukoll li jaf hemm xi qsim fl-istess ġibja peress li qed jonqos anke l-livell tal-ilma. Is-Sindku qrat xi alternattivi li forsi jistgħu isiru skond Lawrence, l-electrician tal-Kunsill, kif qrat mir-rapport li ppreżenta James il-*Project Manager*. Waqt il-laqgħa sar kuntatt telefoniku ma' Lawrence fejn spjega b'mod iktar tekniku dwar din is-sitwazzjoni u wara diskussjoni flimkien mal-membri preżenti, ġie deċiż li ssir laqgħa fuq il-post biex jiġi deċiż kif se jipproċedi x-xogħol biex tissolva din il-problema.

69.04.14 Is-Sindku infurmat li għandna sitwazzjoni antipatka fejn *deposit bag* b'ammont ta' madwar EUR8,000, li nġabret minn *G4S* mill-uffiċċju tal-Kunsill f'Settembru 2023, skont l-informazzjoni li għadditilna l-*accountant* f'dal-jiem, sal-lum għadha ma tidhirx li ġiet depożitati fil-kont bankarju tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar jekk din is-sitwazzjoni seħħitx minħabba nuqqas min-naħa tal-uffiċċju jew inkella min-naħa tal-*accountant* tal-Kunsill, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv intervjena permezz ta' telefonata waqt din il-laqgħa fejn qal li l-*bank statements* mitluba mill-*accountant*, ingħatawlha fl-istess jum li talbithom. Hawnhekk kien hemm qbil unanimu li għandha tintalab spjega bil-miktub mingħand l-*accountant* għaliex kellhom jgħaddu 5 xhur biex ġie innutat dan.

69.04.15 Is-Sindku għamlet referenza għal laqgħa li kellha mal-Cultural Manager u mal-President tar-Reġjun Punent. Waqt din l-laqgħa hija saħqet li fil-ġranet tal-Għid, minbarra l-ktejjeb li se jkun qed jaħdem fuqu r-Reġjun li fih se jkun hemm il-wirjiet organizzati minn diversi Għaqdiet madwar ir-Reġjun, huwa ta' importanza li nikkollaboraw mal-Għaqdiet fil-lokal. Hija ressqet talba sabiex għall-ewwel darba din is-sena nikkollaboraw maż-żewġ Soċjetajiet Mużikali fil-wirjiet li se jkunu qed jorganizzaw bl-isem "Ecce Mater Tua" u "La Semana Santa" flimkien ma' Dramm Kontemporanju "Għaliex Twarrbuni?!". Ġie deċiż sabiex nikkollaboraw lkoll flimkien u b'hekk ir-Reġjun se jkun qed iħallas is-somma ta' elf ewro lil kull Soċjetà sabiex ikunu jistgħu ikopru l-isppejjeż u jittellgħu dawn il-wirjiet.

69.04.16 Rigward it-tindif mit-trabijiet ta' Triq tas-Sejba, is-Sindku qalet li meta tkellmet mas-Sur Ramon tal-*Cleansing Department*, infurmaha li ma jistax jaħdem bl-*isweepers* il-ġodda f'dak il-kwantità ta' trab li hemm. Is-Sindku talbet ukoll l-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield f'dan ir-rigward għaliex Triq tas-Sejba saret qisha triq arterja. U semmiet ukoll li talbet lis-SE sabiex inġibu

stimi għal servizz knis b'*mechanical sweepers*. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li l-ħaddiema tal-kunsill se jibdew jikinsu bl-*isweeper* il-parti residenzjali ta' Triq tas-Sejba, filwaqt li l-kuntrattur tal-Kunsill se jkun qed jiknes l-istess triq darba fil-ġimgħa wkoll. Il-membri ħadu nota ta' dan.

**69.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

69.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-lampa tat-triq ġdida li kien hemm qbil biex tiġi nstallata f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Is-SE qalet li se tibgħat it-talba għall-installazzjoni tagħha lil Nexos il-kuntrattur tal-Kunsill, minkejja li bħalissa ma jaħdimx wisq fuq installazzjonijiet ġodda minħabba n-numru ta' ħsarat li jkollu bil-maltemp u anke peress li kien qed jaħdmilna fuq id-dawl il-ġdid ta' Triq Karmenu Ciantar. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

69.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-*road humps* fi Triq id-9 t'April 1942, fejn is-SE qaltlu li se tibgħat notifika lir-residenti biex naraw jekk ir-residenti jaqblux li jsiru jew le.

69.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-*road hump* tat-tarmak li kien hemm fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku qalet li ladarba din tneħħiet waqt ix-xogħol li kien qed isir mill-Korporazzjoni Enemalta fl-istess triq, għandna nitolbu lil TM jekk hux possibbli li minflok dik li kienet ġiet approvata billi ssir kbira u tat-tarmak, ninstallaw 2 viċin xulxin li jkunu tar-*rubber* kif issuġġerixxa l-Kunsillier Dingli stess. Fuq din kien hemm qbil.

69.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar marki tat-triq u tabelli fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fejn is-Sindku qaltlu li skont il-Kummissarju, m'hemm bżonn li jsir xejn iktar ħlief li se jsir infurzar min-naħa tal-pulizija. Il-membri ħadu nota ta' dan.

69.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*claim* li kien sar dwar l-inċident li kien seħħ fuq żewġ arbli tas-Soċjetajiet tal-Festa waqt li kienu armati bid-dekorazzjonijiet tat-triq tal-Milied. Is-SE infurmat li għaddiet il-formularju mitlub mill-*insurance* filwaqt li l-istess *insurance* infurmawna li għandhom jipproċessaw il-pagament. Appena jidħol il-pagament, ikun jista' jsir bank transfer liż-żewġ Soċjetajiet konċernati.

69.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa rigward il-lampa tat-triq ġdida nstallata fi Triq l-Aħwa Ghigo. Is-SE spjegat li x-xogħol fuq id-demarcation box mill-kuntrattur tal-Kunsill Nexos, sar kif mitlub mill-Enemalta u baqa' biss li l-istess Enemalta tikkonnettja l-imsemmija lampa. Il-membri ħadu nota ta' dan.

69.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-lampa tat-triq fuq arblu li kellha tiġi nstallata f'Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika. Is-SE spjegat li l-persuna li tħaffer it-toqob fit-triq għall-arbli, baqgħet ma ġietx sal-lum, minkejja li hija avżat anke lil Nexos dwar dan. Is-Sindku talbet lis-SE biex torganizza laqgħa ma' Nexos sabiex jiġu diskussi x-xogħlijiet ta' dwal pendenti li hemm. Il-membri ħadu nota ta' dan.

69.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa sa fejn jaqa' fil-konfini tal-Imqabba fi Triq Ħal Farruġ fejn is-SE spjegat li sat-Torri tal-Wilġa.

69.05.09 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal-lista ta' applikazzjonijiet tal-PA li s-SE ippreżentatilhom għal waqt din il-laqgħa, fejn xtaq jiċċara dwar applikazzjoni li hemm is-smiegħ tagħha propju l-għada ta' din il-laqgħa. Fuq din kien hemm diskussjoni fejn il-membri jħossu li għandu jkun hemm persuna teknika li tindika hi fejn u għal liema raġuni għandhom isiru l-oġġezzjonijiet. Il-membri ħadu nota ta' dan.

69.05.10 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar it-tappieri tad-drenaġġ fi Triq Ħal Kirkop u fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti għaliex dawn issa hemm minnhom li sfrundaw. Is-Sindku infurmat li dawn diġà rrapurtati, u anke l-Ministru Dalli taf bihom. Il-kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

69.05.11 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar l-istat ta' parti minn Triq Familja Brancati fejn saret wisq perikoluża. Is-Sindku reġgħet spjegat li l-*WSC* għaddew bis-CCTVs biex jaraw xi ħsara hemm filwaqt li mill-Ministeru ġejna infurmati li minkejja li niżel it-tarmak ma jfissirx li se taqa' t-triq. Il-membri preżenti, enfasizzaw fuq il-fatt li kif inhi t-triq, jista' faċilment iweġġa' xi ħadd u għalhekk hemm bżonn li tittieħed azzjoni b'mod immedjat.

**69.06 Aġġornament dwar Proġetti**

69.06.01 Rigward il-Proġett tal-Ġnien tal-Mentna, is-Sindku infurmat li x-xogħol kważi lest. Fadal biss li tissolva l-problema li għandna bil-funtana. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

69.06.02 Fuq Ġnien Onġi Onġella is-Sindku staqsiet lis-SE jekk irċevejnix rispons mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar l-emendi li kellhom isiru fid-diżinji tal-proġett, peress li jidher li jridu jiġu nklużi ċ-*charging pillars bays*. Kien hemm qbil li s-SE tiċċekkja dwar dan mal-perit.

69.06.03 Is-Sindku infurmat li t-*tender* rigward ir-Restawr tal-Isptar il-Qadim, għalqet u infetħet u hemm bżonn tiġi skedata ġurnata sabiex isir l-aġġudikar tal-imsemmi tender. Is-SE enfasizzat li jkun hemm il-preżenza kemm tas-Sur Mifsud li ħadem fuq it-tender kif ukoll tal-Perit tal-Kunsill li ħadem fuq it-teknikalitajiet tal-istess tender. Kien hemm qbil li l-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2024 fis-6.00pm.

**69.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-Sena 2023**

69.07.01 Is-Sindku qrat sommarju ppreparat mill-*Accountant* tal-Kunsill dwar il-*Financial Statments għas-Sena 2023*, peress li ma setgħatx tingħaqad magħna fil-laqgħa biex tagħti spjega dwar l-istess *FS*. Minkejja dan, waqt il-laqgħa xorta waħda nħass il-il-bżonn ta' spjega mill-*Accountant* spjegazzjoni komprensiva ta' dawn ir-rapporti, b'mod partikolari rigward il-varjanzi fiċ-ċifri meta mqabbla mal-2022. Il-Kunsillieri preżenti taw id-delega lis-Sindku sabiex tkun tista' tapprova l-

imsemmija Unaudited Financial Statements minħabba li dawn iridu jiġu sottomessi lin-NAO, lill-Awdituri, u lid-Dipartiment fi żmien jumejn oħra.

***Fid-9:00pm, peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, is-SE staqsiet jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**69.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

69.08.01 Is-Sindku tkellmet u tat spjega dwar dak li intqal dwar l-applikazzjoni PA 5888/22 *(Proposed construction of 28 industrial and warehousing units (Classes 5A, 5B, 5C and 6A) with overlying pv panels and a non illuminated sign. Proposal includes also 114 parking spaces of which 5 are parking spaces for larger vehicles, and another 4 of which are access for all parking spaces. Proposal includes also inclusion of landscaping on site – Triq tas-Sejba)*, waqt il-laqgħa informattiva mill-Awtorità tal-Ippjanar, li attendiet għaliha. Wara diskussjoni rigward din l-applikazzjoni mill-membri preżenti tal-Kunsill, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jivvota kontra dan il-proġett.

69.08.02 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-PA, imtella fuq l-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-SE ippreżentat lill-Kunsillieri, ġew diskussi sitta li forsi jistgħu jaffettwaw lir-residenti inġenerali u li jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal:

- PA/00605/24 – għaliex is-sit jinsab barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ), u
- PA/00578/24 – għaliex is-sit jinsab barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ) u għax il-Kunsill huwa favur l-ispazji miftuħa.

**69.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

69.09.01 Korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn fil-pjanta pprovduta mill-ġdid, hemm indikat x'jista' jsir biex tissolva l-problema ta' aċċess ta' *garages* fi Triq M'Ang Sapiano kanutniera ma' Sqaq l-Isptar wara li kienet saret anke laqgħa mal-istess perit fuq il-post. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri dwar dan, kien hemm qbil li għandna nġibu stima ta' kemm se jiswa lill-Kunsill dan ix-xogħol.

69.09.02 Korrispondenza mis-Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju fejn urew ix-xewqa li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jikkollabora magħhom sabiex nhar is-Sibt 9 u il-Ħadd 10 ta' Marzu tittella' reċta bl-isem 'Kulħadd Iridu!' Wara diskussjoni mill-membri preżenti, kien hemm qbil li l-Kunsill se jikkollabora u se jkun responsabbli mill-kirja tas-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba fejn l-ispiża tammonta għal €600.

69.09.03 Korrispondenza mingħand l-Imqabba FC Youth Nursery fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill Lokali sabiex jinbidlu l-battery u l-pads tal-AED li tinsab installata fil-grawnds tal-Imqqabba FC. Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li l-Kunsill iħallas l-ispiża ta' madwar Eur700.

69.09.04 Korrispondenza mingħand TM dwar applikazzjoni li rċeviet mingħand resident Imqabbi dwar *1.5m Keep Clear Bay*, fejn qed titlob jekk hemmx oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill. Fuq din kien hemm qbil li m'hemmx oġġezzjoni.

69.09.05 Korrispondenza dwar Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024. Is-Sindku qalet li ma tħossx li għandha tapplika għal xi skema propju issa li wasalna fi tmiem il-Leġiżlatura. Fuq dan kien hemm qbil.

69.09.06 Korrispondenza mill-EWA rigward iċ-*Charging Pillars*. Il-membri preżenti insistew li dawn għandhom jiġu allokati fejn għażel u ddeċieda l-Kunsill u s-SE intalbet twieġeb f'dan is-sens.

69.09.07 Korrispondenza mingħand resident fi Triq il-Parroċċa li għandu problema biex jaċċessa l-garage tiegħu u qed jitlob li jitwalu xi *double yellow lines* li hemm faċċata tiegħu. Il-membri qablu li jekk il-linji se jitwalu kif qed jitlob se jkollu problema s-sid l-ieħor tal-garage. Kien hemm qbil li dan jiġi mwieġeb f'dan is-sens.

69.09.08 Korrispondenza mir-Reġjun Punent dwar *MOU* mal-*Cleansing Department* li lest li jwettaq ix-xogħol fuq l-*Automated Public Convenience*, fejn hekk il-Kunsill jevita li jidħol fil-proċess ta' *tender*. Fuq din kien hemm qbil u s-Sindku talbet lis-SE biex tiskedalha laqgħa mal-*Cleansing Department* dwar dan.

**69.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

69.10.01 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li jsiru *plastic bollards* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Valletta għaliex bosta vetturi qed jispiċċaw *wrong side*. Fuq din kien hemm qbil li għandna niktbu lil TM dwar dan.

69.10.02 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li l-*parking bays* eżistenti fi Triq Ħal Kirkop man-naħa tal-għelieqi, isiru *fish bone* biex jidħlu iktar *parking bays* u biex permezz tagħhom jonqos is-sewqan eċċessiv fit-triq. Fuq din kien hemm qbil li l-Kunsillier Dingli jieħu *feedback* mingħand iktar residenti qabel ma nitolbu *design layout* lill-Perit tal-Kunsill.

69.10.03 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsir line maqtugħ għall-parkeġġ fi Triq iż-Żurrieq man-naħa tal-għelieqi. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li napplikaw għal-line ma' TM.

69.10.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera mas-Service Road, fit-tundjatura jistax isir parking għax qed jilmentaw li min ikun nieżel minn Triq Karmenu Ciantar qed isib il-vetturi f'wiċċu. Kien hemm qbil li niċċekkjaw dwar dan ma' TM.

69.10.05 Il-Kunsillier Dingli ilmenta dwar il-magħqad ta' ilma li hemm f'parti minn Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Is-Sindku spjegat li minkejja li din hija problema li teżisti anke f'toroq oħra, bħalissa m'hemmx pjan biex tinqala' din it-triq u lanqas ma

tista' tissewwa mil-Kunsill għaliex m'għandux fondi biex isewwi kull triq li hemm mgħaqad ta' ilma fiha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

69.10.06 Il-Kunsillier Sciberras semma s-siġra ta' "Rigal Bi Mħabba" li nżerat fi Ġnien M'Ang minflok fis-*soft* area kif kien hemm qbil fil-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni fuq din, kien hemm qbil li fil-maqrut se nitolbu lil Derek Garden Centre sabiex il-maqrut jiġi bil-fjuri. Fuq din kien hemm qbil.

69.10.07 Il-Kunsillier Decelis reġa' lmenta dwar l-istage fi Triq Karmenu Ciantar li qed jintuża wkoll bħala bus terminus u qed ikun hemm wisq periklu. Huwa talab li ssir petizzjoni biex din il-venda ma tibqax hemm. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li s-SE tgħaddilu kopja tal-korrispondenza li kienet intbgħatet lill-Ministru dwar dan ħalli jkun jista' jkellem lil Ministru dwarha.

69.10.08 Il-Kunsillier Decelis semma li fi Triq il-Mentna wara li sar xogħol fuq gandott mil-Enemalta, qed l-ilma gie jaqleb lejn ir-residenti. Il-membri ħadu nota ta' dan.

**69.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/69**

L-iskeda tal-pagamenti nru 08/69 ġiet approvata unanimament; bi qbil ukoll li *item 26*, il-kuntrattur C. Bonello jitħallas nofs il-kont ippreżentat minħabba nuqqasijiet fis-servizz tiegħu. *Kien hemm qbil ukoll li item 48,* is-*supplier Mobile Dustless Blasting Malta* jitħallas biss għax-xogħol li wettaq, u cioè għal 8 *litter bins* u l-installazzjoni tagħhom fil-Ġnien tal-Mentna u mhux il-kont kollu li ppreżenta li jkopri 15-il barmil.

**69.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.12.01 Il-laqgħa ntemmet fil-11:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |